**MINUTI**

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ix-Xagħra

It-Tmien Leġislatura

**Laqgħa Numru Sitta u Sebghin (78)**

**27 ta' Frar 2024**

Il-Kunsill Lokali Ix-Xagħra ltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv fi Triq it-Tiġrija. Il-laqgħa bdiet fil-5.00pm ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Aaron Agius - Sindku

Anthony Attard – Kunsillier

Victor Zammit - Kunsillier

**ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Stefan Bajada- Viċi Sindku

Victor John Curmi- Kunsillier

.

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Marion Attard – Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sindku Aaron Agius ippresieda l-laqgħa.

Is-Sindku sellem il-memorja ta' Joseph Azzopardi waqt li semma l-ħidma sfiqa tiegħu fi snin li serva bħala Segretarju Eżekuttiv fi ħdan il-Kunsill tax-Xagħra..

**78.1 Qari tal-ittri ta' apoloġija**

78.1.1 Is-Sindku rreferra għall-ittri t'apoloġija tal-Viċi Sindku Stefan Bajada li kien jinsab ma jiflaħx u l-Kunsillier Victor Curmi li kien jinsab imsiefer fuq xogħol.

Dawn l-apoloġiji ġew aċċettati.

**78.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti 77**

78.2.1 Il-minuti ttieħdu bħala moqrija hekk kif dawn kienu ntbagħtu qabel il-laqgħa. Il-Kunsill unaninament approva il-minuti wara li saret il-korrezzjoni proposta mill-Kunsillier Anthony Attard biex tiżdied ma' item 77.15.2 li hu ma kienx qed jaqbel li jgħaddi l-pagament lir-Reġjun Għawdex għall-ġbir tal-iskart.

**78.3 Kunsill Ċiviku**

78.3.1 Is-Sindku spjega li tqattigħ kien kollu lest u jittama li sal-laqgħa li jmiss ikun beda jinbena isfel.

78.3.2 Il-Kunsillier Anthony Attard staqsa dwar fejn kienet se tiġi l-bokka tal-garaxx. Is-Sindku wieġeb li din kienet ser tiġi fejn ta' Rita ta' Ħaqqu. Is-Sindku għamel referenza għall-applikazzjoni mal-PA għal garaxx fil-ġibjun minħabba li triq Vjal It-8 ta' Settemrbu ma tippermettix li dan it-trakk jinġabar fil-garaxx mal-binja tal-Kunsill.

78.3.3 Il-Kunsillier Victor Curmi staqsa ukoll rigward il-latrini peress li kien sema' li dawn se jkunu sular 'l isfel mit-triq. Is-Sindku spjega li kollox se jimxi skond il-pjanta u dawn kienu se jkunu mal-livell tat-triq.

**78.4** **Triq Marġa**

B'referenza għal din it-triq, is-Sindku spjega li l-kuntrattur kien lesta u anke ingħata l-konkos fejn kien hemm bżonn. Is-Sindku spjega li din it-triq hi illum arterja prinċipali ffrekwentata minn bosta sewwieqa li jkunu jridu jevitaw it-traffiku.

**78.5** **Triq Marsalforn**

78.5.1 Is-Sindku talab lis-Segretarju biex tieħu ħsieb tfakkar lill-Perit biex jieħu ħsieb jiċċertifika l-kontijiet li kien għadda l-kuntrattur lill-Perit.

78.5.2 Is-Sindku spjega li t-triq diġa' tqattgħet diversi drabi minħabba konessjonijiet tad-drenaġġ. Is-Sindku rreferra għal-laqgħa li kellu ma' tat-*Trenching* fejn kien talab li fejn saru tlett gandotti f'din it-triq għandha ssir *stretch* waħda ta' tarmak biex ix-xogħol jiġi aktar pulit.

**78.6** **Triq Ta' Stellini**

78.6.1 Is-Sindku spjega li r-*resurfacing* fuq din it-triq kien imminenti li jibda wara li kien inġib l-*approval* mill-WSC. Din it-triq ġdida kienet ser isir mill-Ministeru t'Għawdex.

78.6.2 Il-Kunsillier Anthony Attard rrimarka li l-Kunsill għandu jinforma l-enititajiet bħal Go, Melita u Enemalta biex jekk għandhom jsiru xi xogħlijiet dawn isiru qabel biex b'hekk jiġi evitat li titqatta' t-triq wara li tkun saret kif ġara fi bnadi oħra. Is-Segretarju ħadet nota li tiċċekkja mad-DG Vicky Xuereb biex tara jekk dawn l-entitajiet ġewx infurmati diġa'.

**78.7** **Triq Ta' Karkar**

78.7.1 Is-Sindku spjega li diskussjonijiet mal-Ministeru t'Għawdex għaddejjin biex wara Triq Ta' Stellini din it-triq isir ukoll.

**78.8 Ċelebrazzjoni marbuta mat-30 Sena mit-Twaqqif tal-Kunsill**

78.8.1 Is-Sindku spjega li d-data oriġinali li kien qabel fuqha l-Kunsill it-2 ta' Marzu kellha titħarrek minħabba li l-wirja Malta Benniale .Art 2024. Is-Sindku kien qed jipproponi li minflok din iċ-ċelebrazzjoni kellha ssir il-Ġimgħa 5 t'April 2024 filgħaxija. Il-membri preżenti qablu ma' dan/

78.8.2 Is-Sindku spjega li din iċ-ċelebrazzjoni kienet se tkun ċerimonja qasira fejn kien se jingħata token żgħir lil kull minn serva fil-Kunsill bħala Sindku, Kunsilliera, Segretarju u staff klerikali. Dan it-token kienet qed jaħdem fuqu s-Sur Stefan Attard. Barra minhekk is-Sur Raymond Bonello kien qed jaħdem fuq mfakkar li kellu jsir għall-okkażżjon u jiġi awgurat fil-ġnien fejn il-Mitħna. Wara kellu jsir riċeviment żgħir għal dawk li servew fil-Kunsill u l-mistieden tagħhom.

78.8 Is-Sindku wera x-xewqa li l-Kunsill jagħmel irħama bl-ismijiet tas-Sindku kollha li servew mill-bidu tal-Kunsilli. Il-membri preżenti qablu ma' dan u mas-suġġeriment tas-Sindku kellha tintalab kwotazzjoni lis-Sur Raymond Bonello waqt li ddiskuttew li għandha teħel fl-Uffiċju Amministrattiv li l-Kunsill b'mod temporanju qed juża. Din imbagħad għandha tinqala' u titpoġġa fil-Kunsill il-Ġdid.

**78.9 Attivitajiet marbuta ma' Jum Ix-Xagħra**

78.9.1 Is-Sindku talab lis-Segretarju biex taħseb toħroġ is-sejħa għan-nonimi għal Premju "Ġieh Ix-Xagħra".

78.9.2 Is-Sindku rreferra għal dak li kien diskuss f'laqgħat preċedenti biex jingħata l-premju "Ħidmet Iż-Żgħażagħ". Is-Sindku ppropona li dan il-premju għandu jingħata lil grupp GuateYouths Xagħra għall-ħidma tagħhom fil-volontarjat u li fi ftit xhur oħra kienu se jmorru fil-Guatemala għall-missjoni.

78.9.3 Is-Sindku rreferra għat-talba mis-Surmast Colin Attard għal kunċert il-Ħadd 21 t'April. Is-Sindku spjega li dan il-kunċert jkun qed jiftaħ il-ġimgħa t'attivitajiet b'rabta ma' Jum Ix-Xagħra. Il-membri preżenti qablu li l-kollaborazzjoni min-naħa tal-Kunsill għal dan il-kunċert m'għandiex taċċedi l- €500.

78.9.4 Is-Sindku rreferra għall-attivitajiet immirati għat-tfal tal-iskola primarja marbuta ma' Jum Ix-Xagħra fosthom żjara fit-Torri ta' Kenuna fin-Nadur. Is-Sindku were x-xewqa li d-day centre fil-ġimgħa ta' Jum Ix-Xagħra jsir fis-sala tal-iskola biex b'hekk it-tfal u x-xjuħ jkollhom ċans jiltaqgħu ma' xulxin.

78.9.5 Is-Sindku spjega li kellu jiltaqa' mas-Surmast tal-Banda Vittorja biex flimkien jiddiskutu l-programm tal-banda għal Jum Ix-Xagħra. Is-serata kellha titella' fil-Każin tal-Banda bħas-snin 'l imgħoddija.

78.9.6 Is-Sindku talab lis-Segretarju biex tieħu nota biex tieħu ħsieb tistieden lil Giuseppina Galea biex fis-serata ta' Jum Ix-Xagħra tingħata t-tifkira maħduma wara li r-rebħet f'kompetizzjoni internazzjonali taċ-ċikliżmu.

78.9.7 Is-Sindku spjega li kien għaddej b'kuntatti mal-kuratriċi ta' Heritage Malta biex isiru *workshops* f'postijiet storiċi li nsibu fix-Xagħra matul il-ġimgħa ta' Jum Ix-Xagħra. Dan wara rispons pożittiv wara l-ftuħ tal-mitħna ta' Kola fl-Autumn Fest.

**78.10 Xagħra Hill Top Rock Festival**

78.10.1 Is-Sindku spjega li l-Ministeru t'Għawdex wera x-xewqa li jittella' l-festival Xagħra Hill Top Rock f'Mejju li ġej. Din id-darba l-avveniment kien se jingħata l-isem " Friday Night Fever." Dan kien maħsub għall-10 ta' Mejju fi pjazza Vittorja.

78.10.2 Is-Sindku spjega li l-ispejjeż kollha kien se jagħmel tajjeb il-Ministeru. Il-Kunsill kien se jkun responsabbli biex jieħu ħsieb l-għeluq tal-pjazza u t-toroq ta' mal-pjazza.

**78.11 Komunikazzjonijiet oħra mis-Sindku**

78.11.1 Is-Sindku spjega li kien nbiddel il-kuntrattur tal-BIS minn Greenpak għal GreenMt. Is-Sindku spjega li kien hemm xi żmien qasir li s-siti tat-Tafla kien mingħajr BIS. Mill-banda l-oħra Il-BIS f'Tal-Qortin ma kinux tneħħew.

78.11.2 B'referenza għall-BCRS, is-Sindku spjega li kien ħareġ il-permess biex dawn jiġu nstallati f'Tal-Qortin u b'hekk għandhom jiġu installati fil-ġimgħat li ġejjin.

78.11.3 Is-Sindku rreferra għal-laqgħa li saret il-ġimgħa ta' qabel rigward is-smart Waste Depots. Is-Sindku spjega kif dawn il-bins għandhom joperaw b'card tingħata lill-istabbilimenti fix-Xagħra biex ikunu jistgħu jiddisponi minn skart separat f'dawn il-bins. L-ismart wast depost jaħdmu b'sistema li kif jimtlew jintbagħat messaġġ lill-kuntrattur li dawn iridu jitbattlu. Is-Sindku semma' li l-problema tibqa' meta jiġu assorbiti l-fondi li ngħata l-Kunsill għal dan il-proġett bl-ispiża tkun ta' piż fuq il-Kunsill.

*5.40pm* *Is-Sindku talab li tiġi sospiża l-laqgħa.*

*5.45pm* *Il-laqgħa tkompliet.*

78.11.4 Is-Sindku kkomunika li l-Kunsill kellu jara li jaħtar Deputat Segretarju minnufih hekk kif is-Segretarju kienet spjegat li kien se jkun hemm bżonn li għal ġimgħat fil-qrib jaqdi hu.

78.11.5 Is-Sindku spjega li fil-Kunsill jinħass il-bżonn li jiżdied ħaddiem klerikali ieħor biex jgħin fix-xogħol tal-Kunsill. Is-Sindku ssuġġerriexxa li l-iskrivana s-Sa Cheryl Bajada għaldaqstant għandha tipprogressa fil-grad ta' Uffiċjal Eżekuttiv qabel ma tinħareġ din is-sejħa. Il-membri preżenti unanimament qablu ma' dan.

78.11.6 Is-Sindku għarraf lill-membri tal-Kunsill li s-Sur Raymond Bonello kien beda x-xogħol fuq ir-restawr tal-funtana tal-Ġnien fejn il-Mitħna ta' Kola. Il-Kunsill iddiskuta li l-Kunsill kellu jara eżatt l-isem ta' dan il-ġnien u ssir irħama bl-isem tiegħu.

78.11.7 Is-Sindku rreferra għall-imejl li hu personalment kien irċieva mingħand l-avukat Dr Aaron Attard Hili rigward l-binja fl-inħawi tas-Sruġ li kienet ir-residenza tal-Imħallef tal-Paċi għall-Muniċipalita' tax-Xagħra Fortunato Spiteri fi żmien il-Franċiżi. It-talba kienet li l-Kunsill jagħmel pressjoni biex din ir-residenza tiġi rriservata. Il-Kunsill iddiskuta numru ta' residenzi oħrajn li ukoll kien jixraq li jiġu rriservati. Ma ttieħdet l-ebda deċiżjoni fuq din it-talba.

**78.12** **Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

78.12.1 Il-Kunsillier Anthony Attard issuġġerixxa li l-Kunsill jagħmel quddiesa b'sufraġġju tal-eks Segretarju Eżekuttiv Joseph Azzopardi li għadda għal ħajja aħjar il-Ħamis 22 ta' Frar 2024. Il-membri preżenti qablu ma' dan.

78.12.2 Il-Kunsillier Anthony Attard issuġġerixxa li tintbagħat kartolina lil eks Sindku Christian Zammit u martu fl-okkażjoni ta' binhom.

78.12.3 Il-Kunsillier Attard talab li jsir *patching* quddiem ir-residenza tiegħu fi Triq San Ġużepp hekk kif diversi residenti ġibdulu l-attenzjoni.

78.12.4 Il-Kunsillier Anthony Attard talab li l-Kunsill għandu joġġezzjona dwar il-qlugħ ta' siġar fi Triq Marsalforn. Il-Kunsill iddiskuta li qatt ma ġie kkonsultat fuq dan l-iżvilupp. Is-Sindku talab lis-Segretarju Eżekuttiv tiehu nota biex tiċċekkja jekk dawn is-siġar jaqgħux fil-konfini tax-Xagħra jew le.

78.12.5 Il-Kunsiller Anthony Attard għamel referenza għall-passaġġ f'Għajn Meddew. Is-Sindku rreferra għall-korrispondenza li l-Kunsill irċieva mis-Sur Bezzina u għarraf lill-Kunsill li din il-materja kienet għaddiet għand il-Ministeru t'Għawdex.

78.12.6 Il-Kunsillier Victor Zammit talab li niċċekjaw jekk hux possibbli li jsiru *belisia lights* maż-zebra crossing quddiem l-ispiżjara fi Vjal It-8 ta' Settembru. Il-Kunsil iddiskuta li hemm bżonn li tintbagħat korrispondenza lil TM biex ir-rampi ma' din iż-żebra crossing jiġu rtirati aktar 'l ġewwa.

78.12.7 Il-Kunsillier Victor Zammit rreferra għall-pjanti mdaqqas li għandu stabilment fil-pjazza li jagħmilha diffiċli għas-sewwieqa biex minn ġej minn Triq Spiera jikser għal Triq 28 ta' April.

78.12.8 Il-Kunsillier Victor Zammit talab lis-Segretarju jekk hux possibbli li l-Kunsill jipprintjalu numru ta' business cards. Is-Segretrarju kellha tiċċekkja jekk dan hux permess bil-liġi.

**78.13** **Qari tal-Korrispondenza u Ilmenti mir-Residenti**

78.13.1 17.01.2023 Imejl mis-Sa Carmen Bajada titlob l-intervent u l-protezzjoni min-naħa tal-Kunsill għas-sit Ta' Verna u biex jagħmel pressjoni kontra l-iżvilupp bil-permess PA3678/23 minħabba fdalijiet arkeoloġiċi li nstabu.

78.13.2 27.01.2024 Imejl mingħand is-Sur Joe Borg rigward il-permess PA/00189/24 fejn elenka li din l-applikazzjoni għal żvilupp tinkludi aktar ogħli minn dak li hemm fit-triq u b'hekk se tkun ta' *eyesore*. Apparti dan is-Sur Borg semma' ukoll li din l-applikazzjoni hi qrib is-sit storiku tal-Mitħna Ta' Kola.

Il-Kunsill iddiskuta li hemm l-awtorita' ikkonċernata fuq permessi ta' bini li għandha tieħu nkonsiderazzjoni l-ambjent tal-madwar.

78.13.3 29.01.2024 Talba mis-Sur Noel Bajada biex jerġa' jsir double yellow line fi Triq L-Għar ta' Ninu faċċata tal-garaxxijiet tiegħu. Il-Kunsill qabel li din it-talba għandha.

78.13.4 02.02.2024 Stedina lis-Sindku u Kunsilliera għal-laqgħa annwali tal-iscouts skedata għas-Sibt 3 ta' Frar 2024 fil-5.30pm fis-sala tal-iskola primarja Xagħra.

78.13.5 05.02.2024 Ittra minn Dr Daniel Calleja għan-nom ta' Yama Yami Ltd wara li ġie tterminat il-kuntrattur ta' *Contract Manager*. Il-Kunsill qabel li din l-ittra għandha tgħaddi għand l-avukat Dr Carmelo Galea biex jirrispondi lura.

78.13.6 05.02.2024 Ittra minn Dr Damian Bigeni għan-nom tas-Sur James Borg fejn kien qed juri d-diżappunt tiegħu rigward l-oġezzjoni formali li saret fuq il-permess PA/03174/23 meta l-ebda oġġezzjoni ma ġiet sottomessa fir-rigward tal-ħmistax l-applikazzjoni ta' żvilupp fl-istess żona magħrufa bħala "Ta Lablab."

78.13.7 08.02.2024 Il-Kunsill iddiskutta il-lista ta' skemi maħruġa b'mod partikulari l-iskemi li ser jagħlqu fl-aħħar ta' Marzu u bidu t'April. Is-Sinku ppropona li l-Kunsill kellha japplika għall-iskema tal-kulturali SPI/SCI/05/2024 bil-festival tat-tin maħsub għat-22 ta' Ġunju 2024. Il-membri preżenti unanimament qablu li l-Kunsill kellu jmexxi b'din l-applikazzjoni li kienet tagħlaq fis-26 ta' Marzu 2024.

78.13.8 12.02.2024 Talba mis-Soċjeta Filarmonika Victory għall-kollaborazzjoni fil-Programm ta' Mużika Funebri fil-Knisja Bażilka ta' Marija Bambina. Il-membri preżenti qablu li l-Kunsill għandu jikkolaborra bis-somma ta' €1,500 idenf'dan il-programm.

78.13.9 23.02.2024 Ilment minn Massimo Ferroletto fuq it-triq quddiem ir-residenza tiegħu hekk kif qed jinżamm l-ilma quddiem tiegħu. Waqt li l-Kunsill innota l-ilment, il-Kunsill iddiskuta li fil-preżent m'għandux fondi biex isir it-triq mill-ġdid kif mitlub mir-resident.

78.13.10 26.02.2024 Imejl mis-Sur Axiak rigward it-twessiegħ ta' Triq Ġebla Ta' Sansuna. Il-Kunsill iddiskuta li hu konxju mill-problema imma l-esproprjazzjoni tal-art ma taqax taħt ir-responsabiltà tal-Kunsill.

78.13.11 26.02.2024 Imejl mis-Surmast Colin Attard rigward talba għall-kollaborazzjoni

78.13.12 Saret referenza għat-talba minn Guateyouths li kienet issemmiet fil-laqgħa ta' qabel u ma kinitx ittieħdet deċiżjoni fuq l-ammont li l-Kunsill kellu jikkolaborra l-Kunsill. Il-membri preżenti qablu li l-kollaborazzjoni min-naħa tal-Kunsill ma kelli taċċedi l-€300.

**78.14 Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

78.14.1 L-iskeda ta' pagamenti ġiet ippreżentatat fuq il-mejda tal-Kunsill u moqrija.

78.14.2 Il-Kunsillier Anthony Attard oġġezzjona li jgħaddi l-pagament tal-ġbir tal-iskart lir-Reġjun. Il-kumplament tal-pagamenti l-oħra kollha se jkunu approvati unanimament.

**78.15 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

78.15.1 Il-laqgħa tal-Kunsill intemmet fis-19.10 pm u ġiet aġġornata għat-Tlieta 26 ta' Frar 2024 fil-5.00pm.

Konfermati illum ______**26 ta' Marzu 2024**______________________

| | |
|---|---|
| **IFFIRMATA** | **IFFIRMATA** |
| ____________________ | ____________________ |
| **Aaron Agius** | **Marion Attard** |
| **Sindku** | **Segretarju EżekuttiV** |